**27 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Simon Brincat

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Intern u għal kull interess li jista' jkollu l-Avukat Generali

## Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Appell Kriminali – Smigħ Xieraq – Sentenza – Nullità – Kumpens

*Ir-rikorrent kien instab ħati ta' serq u riċettazzjoni mill-Qrati tal-Maġistrati. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ikkonfermat meta l-kawża kienet tinsab differita għas-sentenza fuq eċċezzjoni preliminari. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet annullat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali billi ġie vvjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Wara din is-sentenza l-proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienu ntemmu billi kien*

*ġie ddikjarat deżert. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili issa ddeċidiet li għalhekk ma kien hemm l-ebda dritt għal kumpens. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Id-dritt għal smigħ xieraq ma hux dritt mingħajr ebda limitazzjoni, imma huwa rregolat raġonevolment bil-proċedura.*

Il-Qorti: -

1. Ir-rikors promotur u l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati - sa dakinhar - huma fedelment riportati kollha fis-sentenza parzjali li ngħatat minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 1990;

Dak li se jingħad f'din l-introduzzjoni huwa dak li huwa essenzjali biex din is-sentenza tkun tista' tinqara u tiftiehem awtonomament;

2. Ir-rikorrent kien akkużat b'diversi serqiet u b'riċettazzjoni ta' ħwejjeġ misruqin. Huwa ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Huwa appella mis-sentenza ta' kundanna. Quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali, ir-rikorrenti jallega illi l-prosekuzzjoni u d-difiża qablu li dik il-Qorti għandha qabel xejn tiddeċidi l-aggravju li s-sentenza appellata kienet nulla u li wara dan, jekk ikun il-każ, jiġu kkonsiderati u deċiżi l-aggravji l-oħra. Dan il-ftehim intlaħaq bil-kunsens ta' l-istess Qorti;

3. Ġara iżda, illil dik l-Onorabbli Qorti b'sentenza tas-**26 ta' Ġunju, 1989** iddeċidiet l-appell kollu, ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex b'hekk ir-rikorrenti sab ruħu l-ħabs mingħajr ma kellu l-opportunità, fl-appell, li jiddefendi ruħu. Dan imur kontra l-garanziji sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u 6 tal-Konvenzjoni, u għalhekk talab il-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għar-rimedji adegwati, fosthom dak ta' l-anhullament tas-sentenza msemmija tal-Qorti ta' Appell Kriminali;

4. Dik il-Qorti Ċivili, b'sentenza **tal-31 ta' Awissu, 1990**, (a) iddikjarat li r-rikorrent kien sofra l-vjolazzjoni li llamenta; iddikjarat nulla u bla effett is-sentenza tal-Qorti ta' Appell Kriminali; (b) poġġiet lir-rikorrent fil-posizzjoni li kien fiha immedjatament qabel il-pronunzjament ta' dik is-sentenza; u (ċ) ordnat il-kontinwazzjoni tal-proċedura referibbilment għal-likwidazzjoni tal-kumpens pretiż mir-rikorrent, għal dik il-vjolazzjoni li sofra;

5. Ir-rikorrent appella kontra dik il-parti tas-sentenza li tidher fil-paragrafu 4(b) *supra* u din il-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tal-**11 ta' Diċembru, 1990**, ċaħdet l-appell;

6. Sussegwentement, l-appell tar-rikorrent quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali ġie ddikjarat deżert għaliex ir-rikorrent ma attendiex għall-appuntament;

7. L-Onorevoli Qorti Ċivili, imsemmija, kompliet tisma' l-kawża biex tikkunsidra l-aħħar talba tar-rikorrent – dik għall-kumpens għall-vjolazzjoni sofferta, u fil-**25 ta' Frar, 1994**, ippronunzjat is-sentenza li se tiġi kkwotata fil-partijiet essenzjalil tagħha:

"Din il-Qorti, diversament ippresjeduta, bis-sentenza tagħha tal-31 ta' Awissu, 1990, kienet iddifferit ir-rikors '*sine die*' biex, imbagħad, ikompli jinstema' fuq it-talba tal-kumpens u l-Qorti tillikwidah '*si et quatenus*'. Dan il-provvediment kellu bilfors jingħad għaliex it-talba għal-likwidazzjoni tal-kumpens,

fil-mument li saret, kienet intempestiva. Kien, għalhekk, wisq naturali li l-Qorti, wara li ddikjarat li s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali mogħtija fis-26 ta' Ġunju, 1989, kienet nulla minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq kif previst fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, poġġiet lir-rikorrenti fil-posizzjoni li kien fiha qabel il-pronunzjament ta' l-imsemmija sentenza biex huwa jkun jista' jibda minn fejn ħalla, jiġifieri li jingħata smigħ xieraq fl-appell tiegħu mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrti u, wara, l-Onorabbli Qorti ta' l-appell Kriminali tiddeċidi l-kawża billi jew tikkonferma s-sentenza appellata jew inkella billi tirrevokaha u tillberah;

F'dan ir-rigward, huwa utili li jiġi riprodott dak li qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha u ċjoè:

"(b) Id-difett riskontrat mill-ewwel Onorabbli Qorti jolqot biss il-proċedura quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali, liema difett ma ġiex riskontrat fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn Brincat, wara proċess normali u regolari, ġie misjub ħati u kkundannat skond il-liġi. Għalhekk kienet korretta l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla li, b'konsegwenza ta' dak li sabet, annullat il-proċedura u s-sentenza tal-Qorti ta' Appell Kriminali u poġġiet lir-rikorrenti fl-istat li kien qabel ma sofra n-nuqqas proċedurali li minnu ilmenta b'suċċess. Dan ma jfissirx, u ma setax ifisser, kif qed jippretendi Brincat f'dan l-appell, illi b'daqshekk, kien b'xi mod intakkat jew inkwinat il-proċediment u s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati; – li minnha, bis-saħħa tas-sentenza appellata u ta' din is-sentenza konfermatorja, huwa se jużufruwixxi biex l-appell tiegħu quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali jerġa' jinstema'; biex huwa jkollu l-opportunità li f'dik il-Qorti jingħata

smigħ xieraq kif trid il-Liġi...";

Jidher, għalhekk, li l-artikolu 34(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li għalih jagħmel referenza r-rikorrenti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu (fol. 114) u li jitkellem dwar l-arrest illegali ta' persuna minn persuna oħra m'għandu assolutament xejn x'jaqsam mal-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti, Dak li kellu jiġi stabbilit mir-rikorrenti, f'dan l-istadju, huwa li ż-żmien li huwa skonta fil-ħabs in konsegwenza tal-kundanna tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati, kien żmien li messu għaddieh fil-libertà. Dan seta' jagħmlu biss billi juri li l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali, wara li reġa' ġie ttrattat l-appell tiegħu, sabitu mhux ħati jew inkellha li naqsitlu ż-żmien ta' priġunerija jew inkella tagħtu sentenza sospiża;

Fil-fatt, ir-rikorrenti dan ma mexxilux jagħmlu. Huwa, issa, qiegħed jerġa' jillanja li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali reġgħet ma tagħtux smigħ xieraq u b'hekk ġie fl-impossibbilità li jistabblixxi, għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, dak li għadu kif intqal hawn fuq;

Dak li jirriżulta, però, mhux li r-rikorrenti ma ngħatax smigħ xieraq kif garantit bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, iżda li huwa kien neliġenti u li din in-negliġenza tiegħu wasslet biex l-appell tiegħu ikun iddikjarat **deżert**;

Infatti, l-appell tiegħu kien reġa' ġie appuntat għas-smigħ għat-22 ta' Frar, 1991, u dakinhar meta ssejjaħ l-appell, ir-rikorrenti baqa' ma deherx u l-Qorti, wara li rat l-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat l-appell deżert;

Ġara li r-rikorrenti, kif previst fl-isemmi artikolu, ippreżenta r-rikors quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, kif ukoll dikjarazzjoni maħlufa fis-sens li huwa ma kienx deher għaliex kien ma jiflaħx u l-istess Qorti regħet irriappuntat l-appell tiegħu, din id-darba għat-12 ta' April, 1991, u r-rikorrenti ġie regolarment avżat bid-data msemmija (ara fol. *141*). *Dakinhar*, però, l-appell tar-rikorrent ġie differit 'għal ġurnata li tiġi avżata aktar tard' u, efettivament, ir-rikorrenti ġie avżat li l-appell tiegħu kellu jinstema' fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 1991. Din id-darba r-rikorrenti deher quddiem il-Qorti u deher ukoll l-avukat tiegħu li esprima l-fehma li billi l-Imħallef Sedenti kien l-istess wieħed li kien iddeċieda l-kawża tal-Prim'Awla allura kellu jastjeni u l-Imħallef iddifferixxa l-kawża biex jikkunsidra jekk kellux jastjeni ruħu għas-17 ta' Lulju, 1991;

Il-verbal ta' dik l-udjenza jaqra hekk: "Meta ssejjaħ l-appell, l-appellant Simon Brincat ma deherx; kawża posposta; Meta reġa' ssejjaħ l-appell, l-appellant baqa' ma deherx; il-Qorti rat l-art. 422 tal-Kodiċi Kriminali; tiddikjara l-appell deżert";

Skond il-preċitat artikolu tal-liġi, fuq ir-rikors ta' l-appellant, ippreżentat fi żmien erbat ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' *dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem* ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-Qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ ta' l-appell. Ir-rikorrenti jidher li kien biħsiebu jsegwi dan id-dettam tal-liġi għaliex, fil-fatt, ippreżenta rikors fl-20 ta' Lulju, *1991*, fejn espona *li* ried jippreżenta rikors u dikjarazzjoni, u talab il-ftuħ tar-reġistru barra l-ħinijiet legali biex ikun jista' jippreżentahom (fol. 146). Dan ir-rikors inġieb a konjizzjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-

Appell Kriminali fit-22 ta' Lulju, 1991, għall-ħabta ta' nofsinhar u għoxrin (12.20 p.m.), li dak il-ħin stess ċaħdet it-talba billi deħrilha li ma kienx hemm raġuni ġusta għall-preżentata tar-rikors ta' l-appellant (rikorrenti) msemmi fir-rikors barra l-ħinijiet tar-reġistru (fol. 147);

Ġara li r-rikorrenti, fl-24 ta' Lulju 1991, reġa' ppreżenta rikors u talab lill-Onorabbli Qorti msemmija tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 1991, u tiddekreta r-rikors fejn talab li l-kawża tiġi riappuntata. Fil-parti espositiva ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jgħid "illi l-erbat ijiem imsemmija fl-artikolu fuq iċċitat (422 Kap. 9) m'humiex ġranet tax-xogħol u għalhekk dawn kienu jagħlqu l-Ħadd 21 ta' Lulju, 1991";

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ma ħassitx ruħha intimidata u b'digriet mogħti dakinhar stess, ċjoè fl-24 ta' Lulju, 1991, ċaħdet it-talba (fol. 156). F'dan id-digriet, l-istess Onorabbli Qorti fakkret li l-appellant (rikorrenti) ma kienx deher għas-smigħ ta' l-appell fis-17 ta' Lulju, 1991, u li, għalhekk, a tenur tal-preċitat artikolu tal-liġi, huwa kellu sal-21 ta' Lulju, 1991 biex jippreżenta jl-atti msemmijin f'dan l-artikolu. Billi din id-data, kompliet tgħid il-Qorti, ħabtet il-Ħadd, it-terminu relattiv allura ġie li skada fit-22 ta' Lulju, 1991, li ma kienx nhar ta' Sibt jew vakanza pubblika (art. 108 Kap. 12 magħmul applikabbli bl-artikolu 520(1)(d) Kap. 9). Fir-rigward tat-talba għar-revoka tad-digriet preċedenti tagħha, l-istess Onorabbli Qorti reġgħet tenniet l-istess posizzjoni li ħadet meta ċaħdet l-ewwel rikors;

Kwindi, jirriżulta li dan hu każ fejn ir-rikorrenti m'għamilx dak li kellu jagħmel biex jingħata smigħ xieraq wara li hu stess naqas li jidher quddiem il-Qorti fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 1991.

Dakinhar, kif intqal, l-avukat tiegħu minflok ittratta l-appell, issolleva l-kwistjoni ta' l-astensjoni ta' l-Imħallef Sedenti fuq il-pretest li dan ma setax jisma' l-appell għaliex kien ippronunzja s-sentenza tal-31 ta' Awissu, 1990, li, imbagħad, kienet ġiet ikkonfermata, kif ingħad, mill-Onorabblii Qorti Kostituzzjonali, b'eżitu favorevoli għalih. Ta' min ifakkar li l-prosekuzzjoni, malli tqajmet din il-kwistjoni, iddikjarat li kienet bla bażi. Madankollu, id-difensur tar-rikorrenti ma ħassx li għandu jirtira l-kwistjoni ta' l-astensjoni biex ikun jista' jittratta l-appell f'dik is-seduta. Dan huwa atteġġjament li ma tantx jiftiehem meta wieħed jikkunsidra li dik is-seduta kienet qiegħda toffrilu l-ewwel opportunità tas-smigħ xieraq ta' l-appell tal-patroċinat tiegħu wara li kienet ġiet annullata s-sentenza tas-26 ta' Ġunju, 1989, proprju minħabba li kien imċaħħad minn dan id-dritt ta' smigħ xieraq;

Iżda, in-nuqqas fatali tar-rikorrenti avverra ruħu meta huwa naqas li jintavola r-rikors tiegħu għar-riappuntament ta' l-appell skond il-liġi. F'dan il-każ, lanqas ma tista' tinġieb bħala skużanti l-injoranza tal-Liġi għaliex ir-rikorrenti kellu biex jassistih lill-avukat;

Din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel referenza għas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "Arnaldo Urso *vs* Paul Sammut *et*", deċiża fit-13 ta' Ottubru, 1993. F'dik il-kawża, li kellha ħafna xebħ ma' din odjerna, l-appellant kien naqas ukoll li jagħmel dak li kien rikjest mil-Liġi biex l-appell tiegħu quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma jmurx deżert fit-termini ta' l-artikolu 906 tal-Kap. 12 u l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali spjegat li d-dritt ta' smigħ xieraq ma kienx assolut fis-sens li s-smigħ irid isir bilfors, dejjem u mingħajr ebda regolamentazzjoni raġonevoli għall-

implimentazzjoni ta' dak id-dritt għaliex hawn *si tratta* ta' **dritt fundamentali** u mhux ta' rikonoxximent ta' **kapriċċ illimitat.** Kompliet tgħid l-istess Onorabbli Qorti "Anzi, l-assolutezza pretiża – kif sewwa osservat l-ewwel Qorti – hija espressament eskluża għal dak li huwa l-fattur taż-żmien għaliex id-dritt għal trattazzjoni jrid jiġi implementat għeluq 'żmien raġonevoli' skond il-Kostituzzjoni u "*within a reasonable time*" skond il-Konvenzjoni. U l-artikolu impunjat tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili huwa wieħed mill-mezzi adoperati mil-liġi biex dan l-element jiġi rrispettat, għaliex id-dritt għas-smigħ xieraq ta' dan l-appell – huwa dritt kompost, u mhux sempliċi, inkwantu huwa d-dritt ugwali għaż-żewġ partijiet in kawża;

L-inferenza li wieħed għandu jiġbed minn dan kollu hija li l-artikolu 422 tal-Kap. 9 għandu eżattament l-istess skop ta' regolamentazzjoni għar-rigward id-dritt ta' smigħ xieraq f'kawżi kriminali li l-artikolu 906 tal-Kap. 12 għandu f'dawk ta' natura ċivili u r-rikorrenti ma jistax isostni li anki din id-darba ma ngħatax id-dritt ta' smigħ xieraq fl-appell tiegħu, għaliex dan l-appell kien ġie ddikjarat deżert fis-17 ta' Lulju, 1991, a tenur ta' l-artikolu 422 tal-Kodiċi Kriminali;

Kwindi, iż-żmien li r-rikorrenti għamel fil-ħabs ta' Kordin ma kienx ir-riżultat ta' nuqqas ta' smigħ xieraq ta' l-appell tiegħu iżda kien żmien ta' priġunerija legalment inflitta fuqu skond sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi li r-rikorrenti m'għandu l-ebda dritt ta' kumpens u, konsegwentement, tiċħad it-talba tiegħu miżjuda, kif ingħad, bil-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Awissu, 1990;

L-ispejjeż, ħlief dawk ġà deċiżi, jitħallsu mir-rikorrenti'';

8. Ir-rikorrent jiġġustifika l-appell tiegħu billi jesprimi illi:

(a) Il-Qorti ta' l-Appell Krminali wara li kkunsidrat is-sentenza ta' din il-Qorti Kostituzzjonali tal-**11 ta' Diċembru, 1990**, kienet ikkonfermat is-sentenza tal-**31 ta' Awissu, 1990**, tal-Qorti Ċivili – reġgħet poġġietu fil-posizzjoni proċedurali li kien jinsab fiha fl-imsemmi Qorti ta' Appell Kriminali qabel is-sentenza ta' din l-aħħar Qorti tas-26 ta' Ġunju, 1989 – u difatti, appuntat mill-ġdid l-appell tiegħu għas-seduta tas-17 ta' Lulju, 1991;

(b) Ir-rikorrent ma attendiex għal dan l-appuntament, billi kien marid. L-appell tiegħu għalhekk ġie ddikjarat **deżert**, billi l-assenza tiġi preżunta li tfisser **rinunzja**;

(ċ) Fi żmien erbat ijiem minn dik il-ġurnata, ir-rikorrent kellu jagħmel rikors b'dikjarazzjoni maħlufa quddiem ir-reġistratur biex jgħid għaliex ma deherx u l-Qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ ta' l-appell – (art. 422(1) Kap. 9);

(d) Is-17 ta' Lulju, 1991, kienet ġurnata ta' l-Erbgħa u għalhekk ir-rikors kellu jsir jew dakinhar stess jew il-Ħamis jew il-Ġimgħa sussegwenti. Ir-rikors ma sarx, iżda s-**Sibt 20 ta' Lulju, 1991**, ir-rikorrenti talab lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali biex jiftaħ ir-Reġistru tal-Qorti biex jippreżenta r-rikors u d-dikjarazzjoni ġuramentata. Din it-talba ġiet miċħuda b'digriet tat-22 ta' Lulju, 1991;

(d) Kien biss fl-24 ta' Lulju, 1991, li r-rikorrent reġa' għamel rikors ieħor, din id-darba biex il-Qorti tirrevoka

"*contrario imperio*" d-digriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 1991, imma dan ir-rikors ġie miċħud;

Dawn il-fatti skond ir-rikorrent, jiġġustifikaw l-appell tiegħu għaliex huwa baqa' ma kellux smigħ xieraq;

9. Din il-Qorti ma fehmitx għaliex sar l-appell ammenocchè l-appellant ma jippretendix li biex huwa jkollu smigħ xieraq m'għandu jkollu ebda regola raġonevoli biex tostakolah li ma jmurx il-kawża ssir meta huwa jkun assolutament komdu. Din il-Qorti ma sabet xejn fis-sentenza appellata x'tikkritika. Meta s-sentenza tgħid:

"...jirriżulta li dan hu każ fejn ir-rikorrenti m'għamilx dak li kellu jagħmel biex jingħata smigħ xieraq wara li hu stess naqas li jidher quddiem il-Qorti";

u li wara naqas ukoll li jippreżenta r-rikors li seta' jirrintegrah fid-dritt ta' appell – din il-Qorti kienet tistenna li r-rikorrent għandu xi spjegazzjoni raġonevoli u plawsibbli x'jagħti biex jiġġustifika l-appell tiegħu lil din il-Qorti. M'hemm xejn minn dan. Kull ma hemm hija l-proposizzjoni sorprendenti, disordinata u rraġonevoli illi:

"id-dritt ta' smigħ xieraq **m'għandu jkollu l-ebda limitazzjonijiet** għax tali dritt huwa l-qofol ta' kollox";

u din il-posizzjoni hija kompletament frivola u nieqsa minn kull sembjanza ta' prudenza u sobrjetà;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata, u billi l-appell huwa frivolu, l-

appellant huwa kkundannat li jħallas spejjeż doppji.